SANTA LUĊIJA

**MINUTI**

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Luċija

**It-Tmien Leġislatura**

**Laqgħa Numru 18-20**

**22 ta' Settembru 2020**

Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol Santa Luċija fil-5.00 ta' filgħaxija iżda il-laqgħa bdiet fil-5.20p.m peress li sa dak il-ħin ma kienx hemm quorum.

**PREŻENTI:**

Charmaine St John – Sindku
Frederick Cutajar – Viċi Sindku
Kylie D'Amato - Kunsilliera

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Terrence Ellul - Kunsillier
Liam Sciberras - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Caroline Silvio – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Charmaine St John ippresjediet il-laqgħa.

**18.1 Qari ta' ittri ta' apoloġiji**

**18.1.1 *E-mail tal-Kunsillier Ellul***

Is-Sindku qrat l-*e-mail* ta' apoloġija tal-Kunsillier Ellul li informa l-Kunsill li ma setax jattendi għall-laqgħa. Ir-raġuni għala s-Sur Ellul ma setax jattendi għall-laqgħa tinsab fl-*e-mail* annessa ma' dawn il-minuti. Is-Sindku qalet li s-Sur Ellul huwa skużat.

**18.1.2 *E-mail tal-Kunsillier Sciberras***

Is-Sindku qrat *e-mail* ta' apoloġija tal-Kunsillier Sciberras li informa l-Kunsill li ma kienx ser jattendi għall-laqgħa. Kopja tal-*e-mail* tas-Sur Sciberras qed tiġi annessa ma' dawn il-minuti. Fl-*e-mail* tiegħu l-Kunsillier Sciberras talab li jiġi skużat u mhux assenti. Qamet diskussjoni u s-Sindku qalet li s-Sur Sciberras għandu jitqies assenti.

**18.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa numru 17-20**

**18.2.1 *Xogħol ta' tindif***

Is-Sindku irreferit għall-minuta 17.2.1 u qalet lix-xogħol sar mill-Kuntrattur tal-Kunsill.

**18.2.2 *Approvazzjoni tal-Minuti***

Il-minuti tal-laqgħa numru 17-20 ġew approvati fuq proposta tas-Sindku Charmaine St John issekondata mill-Viċi Sindku Frederick Cutajar.

**18.3 Affarijiet Finanzjarji u Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

**18.3.1 *Invoice ġbir tal-ħġieġ***

Is-Sindku irreferit għal *invoice* li bgħat il-kuntrattur tal-ġbir ta' skart fir-rigward tat-tieni ġabra tal-ħġieġ li skont hu saret is-Sibt 5 ta' Settembru 2020, l-għada li suppost inġabar il-ħġieġ. Hija qalet li hi kienet talbet lill-kuntrattur biex jiġi jiġbor dak li ma ġabarx il-Ġimgħa 4 ta' Settembru iżda

dan kien irrifjuta. Hija qalet li għaldaqstant dan il-ħlas mhux qed jiġi approvat.

**18.3.2** ***Kwotazzjoni għal xogħol fuq tindif ta' culverts***

Is-Sindku ippreżentat kwotazzjoni biex isir ix-xogħol fuq tindif u manutenzjoni ta' *culverts* fi Triq Dawret it-Torri u Triq Prinjoli u Triq Pensjeri. Saret diskussjoni dwar ix-xogħol involut u ġie deċiż li tintalab aktar informazzjoni.

**18.3.3** ***Approvazzjoni tal-iskeda ta' Pagamenti***

Il-Kunsill approva l-Iskeda ta' Pagamenti numru CM17-20 għall-perjodu bejn l-24 ta' Lulju 2020 sal-13 ta' Awissu 2020 u minn cheque numru BOV 8242 sa cheque numru BOV 8248 u minn Bank Transfer 01/20 sa 23/20.

**18.4** **Komunikazzjonijiet**

**18.4.1** ***Dwal tat-Toroq fi żmien tal-Milied***

Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li ser ikunu qed jinġabru kwotazzonijiet għal tiżjin ta' toroq bid-dwal fi żmien il-Milied. Saret diskussjoni dwar l-andament ta' din l-inizjattiva fis-sena li għaddiet u s-Segretarju Eżekuttiv intalbet tibgħat kopja tal-BOQ lill-Kunsill kollu għal konferma.

**18.4.2** ***Librerija Pubblika***

Is-Sindku infurmat li l-Kunsill irċieva ittra bl-avukat dwar il-kera dovuta tal-librerija pubblika. Hija qalet li sid irid jgħolli l-kera b'50%. Saret diskussjoni u l-Kunsill qabel li jagħmel kontraproposta li l-kera tiżdied b'mitt-Euro għall-ewwel ħames snin jew rata ta' tlettax il-Ewro kuljum.

**18.4.3** ***Vakanza Segretarju Eżekuttiv***

Is-Sindku infurmat lill-Kunsill lis-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill ser tkun qed tirtira bl-eta tal-penzjoni fil-bidu tas-sena 2021. Hija qalet li għaldaqstant ser tkun qed tibda l-proċedura biex jinħatar Segretarju Eżekuttiv ġdid għall-Kunsill ta' Santa Luċija. Hija qalet li l-avviż tal-vakanza għall-Segretarju Eżekuttiv ser jidher fil-Gazzetta tal-Gvern ta' nhar il-Ġimgħa, 25 ta' Settembru 2020. Is-Sindku qalet ukoll li din is-sejħa tagħlaq nhar il-Ġimgħa 9 ta' Ottubru 2020 u sa dak inhar il-Kunsill irid jaħtar Bord

tal-Għażla. Hija qalet li ser iżżomm il-Kunsill infurmat dwar il-ħatra ta' dan il-Kumitat.

**18.4.4** ***Deputat Segretarju Eżekuttiv***

Is-Sindku qalet li l-Kunsill intalab jaħtar Deputat Segretarju Eżekuttiv għax il-perjodu tad-Deputat Segretarju preċedenti kien skada. Il-Kunsill reġa ippropona lis-Sinjura Doris Baldacchino li aċċettat li tibqa iżomm din il-kariġa.

**18.4.5** ***SPI.SCI.3.2020 Finanzjarment ta' Proġetti Kapitali. Aċċessibilita' u Mobilita'***

Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li r-Reġjun Nofsinhar ser jipparteċipa fuq din l-iskema u ser ikun qed jipproponi li ssir Senser garden f'parti mill-Picnic Area f'Santa Luċija. Saret diskussjoni u l-Kunsill qabel li jaħdem mar-Reġjun biex il-Kunsill ikun jista jipproponi proġett li jkun jista' jikkumplimenta dak tar-Reġjun.

**18.4.6** ***Proposta dwar Night Shelter jew Dar għall-Anzjan***

Is-Sindku ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill, *e-mail* li nbagħtet minn ulied ta' koppja li kienu joqgħodu Santa Luċija, u li issa m'għadhomx magħna, fir-rigward tad-dar tal-ġenituri tagħhom fejn qed jiġi propost li din il-propjeta issir *night shelter* jew dar għall-anzjani. Saret diskussjoni fejn il-Kunsill talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex jitlob informazzjoni dwar jekk din il-proposta hix marbuta ma' bejgħ jew donazzjoni.

**18.4.7** ***Applikazzjoni online dwar ilmenti mir-residenti***

Is-Sindku qalet li ġabet kwotazzjoni għal online application li biha resident ikun jista' jagħmel ilment minn fuq il-mobile. Hija qalet li ser jinġiebu aktar kwotazzjonijiet ta' din l-app.

**18.4.8** ***Ġieħ Santa Luċija***

Is-Sindku qalet li jekk iċ-ċirkustanzi jippermettu, l-Kunsill għandu jorganizza attivita' li fiha jingħata Ġieħ Santa Luċija 2020. Hija qalet li l-Kunsill diġa kien innomina individwi għal dan il-premju iżda minħabba l-pandemija tal-Covid 19 dan l-avveniment kellu jiġi pospost. Hija talbet lis-

Segretarju Eżekuttiv biex tibgħat il-lista tal-individwi li kienu ġew innominati.

**18.4.9** ***Pink October***

Is-Sindku infurmat li fl-okkazzjoni tal-Pink October ser jinxtegħlu l-Ġnien Ċiniż u l-Pjazza 7 ta' Lulju.

**18.4.10** ***Motor Cycling Bays u Parking Bays – applikazzjoni TM***

Is-Sindku infurmat lill-Kunsill dwar it-tweġiba ta' Transport Malta għall-applikazzjoni tal-Kunsill fir-rigward ta' *parking bays* u *motor cycling bays* fi Triq l-Għansar u Triq Dun M Mifsud. Hija qalet li Transport Malta iridu konferma li hemm id-distanzi stabbiliti mir-regolamenti tat-Traffiku. Hija qalet li ser tmur fuq il-post u tivverifika l-informazzjoni rikjesta.

**18.4.11** ***Applikazzjoni għal Premju Soċjeta Ġusta***

Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill dwar din l-inizjattiva u qalet li l-applikazzoni tagħlaq fl-20 ta' Novembru 2020.

**18.4.12** ***CCTV Cameras***

Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li r-Reġjun Nofsinhar approva l-ammont ta' €2000.00 bħala rimborż fuq l-ispiża tas-CCTV Cameras li twaħħlu riċentament mill-Kunsill.

**18.4.13** ***LC Care***

Is-Sindku talbet lill-Kunsilliera Kylie D'Amato tinforma l-Kunsill dwar l-aħħar żvilluppi fir-rigward tal-iskema LC Care. Il-Kunsilliera D'Amato qalet li bħalissa l-Kunsill qed joħroġ *vouchers* għal servizz ta' *neutering* u servizz ta' Vet. Hija qalet ukoll li qed joħorġu *vouchers* għal ikel tal-qtates. Hija kompliet tgħid li qed tistenna kwotazzjoni biex jiġu nstallati l-*cat houses* li diġa inxtraw. Il-Kunsilliera D'Amato qalet li fil-ġranet li ġejjin ser inkunu qed naraw minn fejn l-aħjar li jinxtraw ir-*recovery cages*.

**18.5** **Kuntratt: SLLC PKG(57-20-03) Tindif u Żamma ta' Parks, Ġonna, u Soft Areas fil-Lokalita' ta' Santa Luċija – rapport ta' Evalwazzjoni**

Is-Sindku qalet li din l-evalwazzjoni trid terġa ssir għax ma saritx tajba. Hija qalet li b'hekk l-evalwaturi jkunu jistgħu jirrangaw fejn sar ħażin.

**18.6 Kuntratt: SLLC SL(57-20-01) – Offerta ta' Servizz Għall-Provvediment u Manutenzjoni ta' Dawl tat-Toroq – rapport ta' Evalwazzjoni**

Is-Sindku ippreżentat ir-rapport ta' Evalwazzjoni tal-offerta hawn fuq imsemmija. Il-Kunsill iddiskuta dan ir-rapport u qabel mar-rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Evalwazzjoni biex dan il-Kuntratt jingħata lill-Nexos Lighting.

**18.7 Reżoluzzjoni tal-Kunsill 01/2020 – BOV 24X7 Other User**

Is-Sindku ressqet reżoluzzjoni numru 01/2020 għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Din ir-reżoluzzjoni tgħid hekk:

Il-Kunsill qed jirriżolvi li jiġi ikkreat *other user* fuq is-sistema tal-BOV 24x7 – Kunsill Lokali Santa Luċija. Il-Kunsill qed jawtorizza lis-Sinjura Louise Gatt (ID:317458M) biex ikollha aċċess għal din is-sistema bankarja.

It-transazzjonijiet li jsiru jibqgħu jiġu awtorizzati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

Din ir-Reżoluzzjoni qed titressaq fir-rigward tad-Direttiva 4-2020 maħruġa mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

Il-Kunsill qabel ma' din ir-reżoluzzjoni li bħala proponent kellha lis-Sindku Charmaine St John u bħala Sekondant kellha lill-Viċi Sindku, Frederick Cutajar.

**18.8 Rapporti**

Waqt din il-laqgħa ġew ippreżentati dawn ir-rapporti:

- Rapport ta' kull xahar maħruġ mill-Contract Manager tal-Kunsill li jinkludi rapport għax-xahar ta' Awissu 2020, Workplan għax xahar ta' Settembru 2020 kif ukoll rendikont tal-ħidma marbuta ma' dan is-servizz għax-xahar ta' Awissu 2020

- SLLC Memo 25-2020 – Premju Anzjanita Attiva'
- SLLC Memo 26-2020 – Xogħol fuq tindif ta' *culverts*

- Planning Authority – PA/05015/19 - Full Development Permit Landscape Design Project at Santa Luċija.

## 18.9 Mistoqsijiet

### 18.9.1 *Mistoqsija tal-Viċi Sindku fir-rigward tat-Transport tal-Iskola*

Is-Sur Cutajar staqsa jekk hux ser isiru xi arranġamenti minn naħa tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni dwar it-transport minn Santa Luċija għal Hal Tarxien.

Is-Sindku qalet li Infrastructure Malta ser ikunu qed jagħmlu l-arranġamenti meħtieġa biex it-tfal ikunu jistgħu jaqsmu b'mod sigur u mingħajr periklu. Is-Sur Cutajar qal li l-passaġġ irid ikun jagħti eżatt għal ġo l-*gate* tal-iskola.

### 18.9.2 *Mistoqsija tal-Kunsillier Liam Sciberras fir-rigward ta' apparat li qed jiżgombra triq pubblika*

Is-Sindku qalet li s-Sur Sciberras kien bgħat *e-mail* fejn irreferi għal *cat eyes* li twaħħlu mingħajr permess fi triq partikulari. Il-Kunsill qabel li għandu jara min għamel dawn il-*cat eyes* mingħajr permess u qabel ukoll li dawn għandhom jitneħħew.

### 18.9.3 *Mistoqsija tal-Kunsillier Liam Sciberras fir-rigward tal-librerija pubblika*

Is-Sindku irreferit għall-*e-mail* li bgħat il-Kunsillier Liam Sciberras fir-rigward tal-librerija pubblika ta' Santa Luċija. Hija qalet li din il-materja ġiet diskussa waqt din il-laqgħa u għaldaqstant il-Kunsillier Sciberras ser ikun qed jiġi infurmat bid-deċiżjoni.

### 18.9.4 *Mistoqsija tal-Kunsillier Liam Sciberras fir-rigward tal-Ġnien Ċiniż*

Is-Sindku irreferit għall-*e-mail* li bgħat il-Kunsillier Liam Sciberras fir-rigward tal-manutenzjoni tal-Ġnien Ċiniż. Il-Viċi Sindku li hu inkariġat mill-Ġnien Ċiniż qal lix-xogħol li qed isir fuq il-vaski huwa mingħajr ħlas għax qed isir minn Dipartiment tal-Gvern. Huwa qal li biex isir rendikont ta' kemm joħroġ flus il-Kunsill biex iżomm dan il-ġnien irid isir kalkolu fuq ħames snin għax il-manutenzjoni ssir skond il-bżonn u sena mhux bħal l-oħra.

**18.10** ***Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss***

**18.10.1** Il-laqgħa ntemmet fit-8.00p.m. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta 20 ta' Ottubru 2020 fil-5.15p.m.

**Konfermati, illum il-__________, __ ta' ____________ 2020**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
| **Charmaine St John** | **Caroline Silvio** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |